MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** I 17 ta' Novembru, 2015

# Malta tagħti l-liċenzja Earth Station lil EchoStar Mobile

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, l-MCA, riċentament tat liċenzja lil *EchoStar Mobile Limited* sabiex tistabbilixxi *satellite earth station* f'Malta. Ibbażata fl-Irlanda, *EchoStar Mobile Limited* hija sussidjarja propjetà tal-Korporazzjoni *EchoStar (NASDAQ:SATS),* provditur globali ewlieni ta' soluzzjonijiet imwassla bis-satellita u l-vidjo, bil-kwartieri tagħha fl-Istati Uniti tal-Amerika.

Iċ-Chairman tal-MCA, Dr. Edward Woods, qal li "din hija l-ewwel liċenzja għal *satellite earth station* ta' dan it-tip li se tkun ħarġet f'Malta. L-Awtorità tinsab fiduċjuża li l-attività ta' *EchoStar Mobile* fl-iżvilupp tal-involviment ta' Malta fis-settur spazjali, se tkun attività li tagħti riżultati pożittivi".

Is-*satellite earth station* li se tkun stabbilita f'Malta se tkun qed tintuża biex tikkalibra s-satellita *EchoStar XXI*, li topera fil-banda *2 GHz* għall-provvediment ta' servizzi mobbli satellitari tal-aħħar ġenerazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea.

Il-President ta' EchoStar Satellite Services, is-Sur Anders Johnson qal "Ninsabu kuntenti li ngħatajna din il-liċenzja mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni marbuta mas-satellita tagħna EchoStar XXI, li hi skedata li tittella fl-ispazju fl-2016. Dan hu pass ieħor 'il quddiem fil-pjan tagħna li nwasslu fl-Unjoni Ewropea l-ewwel netwerk ta' komunikazzjoni bil-mowbajl tal-aħħar ġenerazzjoni li hi kollha kemm hi *IP* b'sistema satellitari u terresti integrata".

**Tmiem**

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840